**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tlieta 19 ta' Settembru 2017

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## AĠENDA Numru 63

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 63 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2017 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
63.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
63.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
63.5 Rapporti;
63.6 Aġġudikazzjoni tas-Sejħa għall-Offerti QLC – CCV 49/17 dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
63.7 Aġġornament dwar il-bini ta' kmajra għall-ATM fil-Qrendi;
63.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
63.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tat-63 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2017 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-6:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Ambaxxatriċi | Yanika Ciappara |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

63.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA**

63.1.1 Ma' kien hemm l-ebda ittri x'jiġu moqrija.

63.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

63.2.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud qalet li Minuta 62.4.1 trid tinbidel minħabba li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali hija ma semmietx li l-bandiera in kwistjoni trid titniżżel kull filgħaxija, imma li titniżżel biss meta jkun ir-riħ.

63.2.2 Il-Minuti tat-63 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

63.2.3 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda l-Minuti.

63.2.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-approvazzjoni ta' dawn il-Minuti.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 63.3, 63.4 u 63.5 jiġu diskussi wara Minuta 63.7 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet sekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

63.6 **AĠĠUDIKAZZJONI TAS-SEJĦA GĦALL-OFFERTI QLC – CCV 49/17 DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

63.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li nqalgħu xi problemi tekniċi u għaldaqstant il-Perit li qiegħed jieħu ħsieb dan il-proġett għadu ma lestiex ir-rapport tekniku u għaldaqstant se nkunu qegħdin niltaqgħu b'urġenza sabiex dan jiġi diskuss qabel issir l-aġġudikazzjoni ta' din is-sejħa partikolari.

## 63.7 <u>AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TA' KMAJRA GĦALL-ATM FIL-QRENDI</u>

63.7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-bini tal-kmajra huwa kważi lest u diġà tinsab imsaqqfa.

63.7.2 Qal li fadal biss ftit xogħolijiet sabiex inkunu nistgħu ngħidu li x-xogħol tal-bini huwa lest.

63.7.3 Minn issa 'l quddiem se nkunu nistgħu nitkellmu mal-Bank BOV għaliex issa hemm bżonn li jagħmlu l-parti tagħhom, minħabba l-qisien tal-bieb ta' sigurtà, kif ukoll fejn se tiġi installata l-ATM.

## 63.3 <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

63.3.1 Is-Sindku David Schembri qal li fil-25 t'Awwissu 2017 kellna laqgħa mal-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali, l-Onorevoli Dr Owen Bonnici fejn nistgħu ngħidu li ddiskutejna diversi suġġetti u morna tajjeb ħafna.

63.3.1.1 Spjega kif minn dakinhar irċevejna li se jkollna *follow-up* meeting mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-punti li ddiskutejna mal-Onorevoli Bonnici.

63.3.2 Is-Sindku tkellem dwar laqgħat li qiegħed ikollu mal-Fondazzjoni għat-Turiżmu, fejn b'mod speċjali jissemma' Wied iż-Żurrieq.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

63.3.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa proposta li ssir fil-5 t'Ottubru 2017 flimkien mas-Segretarju Parlamentari għar-Riformi, Ċittadinanza, u Simplifikazzjoni ta' Proċessi Amministrattivi, l-Onorevoli Julia Farrugia Portelli u qal li għal din il-laqgħa l-membri kollha tal-Kunsill Lokali huma mistiedna.

63.3.4 Is-Sindku tkellem dwar seminar li se jiġi mtella' mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali il-Ħamis li ġej bejn id-9am u nofsinhar u li se jkun jitratta dwar il-*Mobility Week*.

63.3.4.1 Qal li dan is-seminar se jsir fiċ-Ċentru Pastorali Parrokjali u kulħadd huwa mistieden.

63.3.5 Is-Sindku tkellem dwar pilastru tal-ġebel li jinsab fi Triq Santa Katarina k/ma' Triq is-Siġġiewi u qal li fl-aħħar jiem dan ġie rranġat u reġa' ġie b'saħħtu kif kien.

63.3.5.1 Qal li x-xogħol li sar fuqu kien professjonali u sar f'ġurnata waħda.

63.3.6 Is-Sindku tkellem dwar Miżura 4.4 li titratta t-tisbiħ ta' ħitan tas-sejjieħ, u qal li kellna komunikazzjoni ma' MEUSAC sabiex nipparteċipaw.

63.3.6.1 Qal li għal dan il-proġett nakkwistaw 80% tal-fondi mill-Unjoni Ewropa, u l-20% li jifdal irid joħroġhom il-Kunsill Lokali.

63.3.6.2 Żied li din hija l-ewwel opportunità li ġiet sabiex nirranġaw il-ħitan tas-sejjieħ li jdawru ż-żona ta' Misraħ is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena.

63.3.6.3 Spjega kif din se tkun biss fażi waħda minn proġett ħolistiku li għandu f'moħħu l-Kunsill Lokali u nistgħu nibbenefikaw sa €150,000.

63.3.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa Marie-Jeanne Borg, Assistent Prinċipal fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari 26/2017 – Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.**

63.3.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa Angela Jones, Ko-ordinatriċi tal-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lifelong Learning, bit-titlu ***Lifelong Learning 2017-2018.***

63.3.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa Angela Vella, Ko-ordinatriċi tal-Lifelong Learning, bit-titlu ***Qrendi Class Capacity***.

63.3.10 Is-Sindku tkellem dwar *e-mail* mibgħuta mis-Sa Maria Debono, bit-titlu ***Kennels for stray cats*** u qal li għalkemm fil-prinċipju l-idea hija waħda tajba, jekk il-Kunsill Lokali jagħmel xi ħaġa simili żgur ikollna ħafna lmenti u kritika.

63.3.10.1 Il-Kunsill Lokali ma qabilx mal-proposta tas-Sa Maria Debono.

63.3.11 Is-Sindku tkellem dwar *e-mail* mibgħuta mis-Sa Gabriella Agius, bit-titlu ***Yellow line request*** u qal li din it-talba hija sabiex isir sinjal isfar quddiem xatba tal-ħadid f'post ta' kostruzzjoni.

63.3.11.1 Qal li sal-lum qatt m'għamilna sinjali simili f'każijiet hekk, u li meta titneħħa din ix-xatba jkun jista' jsir metru ta' sinjal isfar fuq kull naħa tal-garaxx kif tagħtina l-liġi.

63.3.11.2 Il-Kunsill Lokali ma qabilx ma' din it-talba sabiex isir sinjal isfar quddiem il-propjetà inkwistjoni.

63.3.12 Is-Sindku tkellem dwar *e-mail* mibgħuta mill-Perit Darryl Cutajar, bit-titlu **Talba għal Laqgħa dwar Triq it-Torri, il-Qrendi** u qal li bħala Kunsill Lokali ma nistgħux naqilbu l-pendil tat-triq kif kien is-suġġeriment inizjali.

63.3.12.1 Qal li jekk kemm-il darba niddeċiedu li naqilbu l-pendil tat-triq, allura se nkunu qed nissugraw li nsoddu l-katusi tan-nies li joqgħodu faċċata tal-Perit u jkollna prattikament naqilgħu t-triq kollha għaliex imbagħad kulħadd se jibda jilmenta.

63.3.12.2 Spjega kif l-uniku soluzzjoni f'dan ir-rigward hija li jsir kif isir f'toroq oħra, li r-residenti jkollhom ħasira tal-plastik li minnha ma jgħaddix ilma u li din titwaħħal quddiem l-bieb ta' barra meta tkun ix-xita.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 63.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

63.4.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa skuża ruħu li meta saret il-ġurnata ta' tindif bħala parti mill-attività *Let's Do It Malta*, huwa ma setax jattendi minħabba raġunijiet personali.

63.4.2 Is-Sindku staqsa x'qiegħed isir dwar il-filmat li suppost għandna ntellgħu dwar il-kappelli u l-Knisja Parrokjali sabiex imbagħad jintwera fil-Festival Agrarju tal-Patata tas-sena d-dieħla.

63.4.2.1 Il-Viċi Sindku wieġeb li se jkun qiegħed jiċċekkja kif jista' jsir dan il-filmat minħabba li jidher li l-istudenti tal-MCAST diġà għandhom il-proġetti assenjati għalihom.

63.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk jistax isir rinfriskar tas-sinjali li hemm fit-toroq, b'mod speċjali madwar ir-*roundabout* tal-Qrendi, kif ukoll fi Triq iż-Żurrieq k/ma' Triq it-Tempesta.

63.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li se nkunu qegħdin inkellmu lill-kuntrattur sabiex dawn isiru fil-jiem li ġejjin.

63.4.4 Il-Kunsillier Daniel Farrugia rringrazzja lis-Sindku li wara li fl-aħħar laqgħa ressaq l-ilment ta' xi residenti dwar bankina fi Triq Santa Katarina, din issa ġiet irranġata.

## 63.5 RAPPORTI

63.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa tkellem dwar iż-żjara li saret fil-gżira Għawdxija fil-25 t'Awwissu 2017 u qal li minħabba l-limitazzjoni tat-tren, kellna biss naċċettaw l-ewwel 45 persuna.

63.5.1.1 Qal li kienet ħasra li ħafna nies ma setgħux jattendu minħabba li l-postijiet kienu limitati ħafna, u qal li f'inqas minn 48 siegħa l-postijiet kienu ttieħdu kollha.

63.5.1.2 Spjega li jekk kemm-il darba ħarġa simili terġa' ssir, irridu niċċekkjaw li jsiru żewġ ħarġiet u mhux waħda biss.

63.5.2 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li fil-kampanja li saret ta' *Let's Do It Malta* kienet ftit diżappuntata minħabba li l-Kunsill Lokali ma rreklamax biżżejjed din l-attività.

63.5.2.1 Qalet li l-ftit nies li ħadu sehem taw saħħithom kollha, avolja kienet ix-xemx, u ġabru kemm setgħu materjal.

## 63.8 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

63.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €13,605.17 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 09/17 u €92.19 skont il-*Petty Cash* Ref U/08.

63.8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

63.8.3 Il-Kunsillieri Daniela Farrugia u Olympia Sant Mifsud issekondaw din il-proposta.

63.8.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 63.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

63.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-6:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 23 t'Ottubru 2017 fil-5:30pm.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**